

# Il-Ġurnal Ufficijali L 291 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 64

13 ta' Awwissu 2021

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1348 tas-6 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li abbażi tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti (1) ... 1
- ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1349 tas-6 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni ta' konformità tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-amministrazzjoni obbligatorja ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika (1) ... 4
- ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1350 tas-6 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-arranġamenti ta' governanza ta' amministratur ikunu b'saħħithom bizzarejjed (1) ... 9
- ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1351 tas-6 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-karatteristiċi tas-sistemi u l-kontrolli għall-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' kwalunkwe mgħiba li tista' tinvolfi l-manipulazzjoni jew it-tentativ ta' manipulazzjoni ta' parametru referenzjarju (1) ... 13
- ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1352 tas-6 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija biex ikun determinat parametru referenzjarju tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kwalità (1) ... 16
- ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1353 tas-17 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-każżejjiet u l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru laboratorji uffiċjali li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fir-rigward tal-metodi kollha li jużaw għall-kontrolli uffiċjali jew aktivitajiet uffiċjali oħra (1) ... 20

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1354 tas-6 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi informazzjoni teknika għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u l-fondi propriji bażiċċi għar-rapportar bid-dati ta' referenza mit-30 ta' Ġunju 2021 sad-29 ta' Settembru 2021 f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni <sup>(1)</sup> .....	24
★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1355 tat-12 ta' Awwissu 2021 dwar programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċċidi li għandhom jiġu stabiliti mill-Istati Membri <sup>(1)</sup> .....	120

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1348

tas-6 ta' Mejju 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li abbażi tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investimenti u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kriterji li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità msemmija fl-Artikolu 26(3) ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu n-natura tad-dispożizzjoni jiet tar-Regolament (UE) 2016/1011 li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji mhux sinifikanti, skont l-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, jistgħu jagħżlu li ma japplikawx. Peress li xi wħud mir-rekwiżi stabbiliti f'dawn id-dispożizzjoni jikkonċernaw l-istruttura organizzattiva tal-amministratur, filwaqt li oħra jn iż-żikkor, jikkonċernaw il-parametru referenzjarju jew il-familja ta' parametri referenzjarji kkonċernati, l-istess distinzjoni tapplika għall-kriterji li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità.
- (2) Fir-rigward tar-rekwiżi li jikkonċernaw l-istruttura organizzattiva tal-amministratur, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitħolku bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti meta jidħrilhom li d-dikjarazzjoni ta' konformità ma tkunx ċara dwar l-għaliex l-amministratur ikkonċernat jenħtieġ li jitħalla ma jikkonformax mar-rekwiżi stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2016/1011. Dan jenħtieġ li jkun partikolarmen il-każi meta jkun hemm nuqqas ta' ċarezza dwar l-istruttura organizzattiva tal-amministratur ikkonċernat, dwar l-identifikazzjoni ta' kunkfitti ta' interess potenziali li jistgħu jinjalgħu bejn il-persuni involuti fl-għoti tal-parametru referenzjarju u l-impiegati l-oħra jew partijiet mill-organizzazzjoni tal-amministratur, dwar il-proċess ta' sorveljanza tal-għoti tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti, jew il-qafas ta' kontroll għall-għoti jew il-pubblikkazzjoni ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti jew biex isir disponibbli.
- (3) Fir-rigward tar-rekwiżi li jikkonċernaw il-parametru referenzjarju jew il-familja ta' parametri referenzjarji, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitħolku bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti meta jqisu li d-dikjarazzjoni ta' konformità ma tkunx ċara dwar l-għaliex l-amministratur ikkonċernat jenħtieġ li jitħalla ma jikkonformax mar-rekwiżi stabbiliti fl-Artikolu 11 u l-Artikoli minn 13 sa 16 tar-Regolament (UE) 2016/1011. Dan jenħtieġ li jkun partikolarmen il-każi meta jkun hemm nuqqas ta' ċarezza dwar il-livell ta' kontroll għall-għoti tad-data tal-input, it-trasparenza tal-proċeduri għall-konsultazzjoni dwar kwalunkwe bidla materjali fil-metodoloġija tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti, il-proċess ta' rapportar ta' każjiet ta' manipulazzjoni jew tat-tentativ ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju

(¹) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

mhux sinifikanti, il-kodiċi ta' kondotta meta l-parametru referenzjarju mhux sinifikanti jkun ibbażat fuq *data* tal-input minn kontributuri, il-kapaċċità tal-amministratur li jirrieżamina u jirrapporta dwar il-konformità tiegħu mal-metodoloġija tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti u mar-Regolament (UE) 2016/1011, u meta d-data tal-input tingħata minn kontributur taħt superviżjoni, jekk dan isinx skont kontrolli xierqa sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni, l-integrità u l-affidabilità tad-data tal-input.

- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).
- (5) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istands tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹).
- (6) Sabiex tiġi żgurata konformità mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹), li fir-Regolament (UE) 2016/1011 daħħal l-Artikolu 26(6) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Kriterji fil-livell ta' amministratur**

L-awtoritatjiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità kif imsemmi fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2016/1011 meta jqisu li din id-dikjarazzjoni ma tkunx ċara dwar l-għaliex l-amministratur ikkonċernat jenħtieġ li jitħalla ma jikkonformax ma' rekwiżit jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011, u b'mod partikolari meta jkun hemm nuqqas ta' ċarezza dwar:

- (a) l-istruttura organizzativa tal-amministratur ikkonċernat u l-kunflitti ta' interessa li jistgħu jirriżultaw mill-istruttura tagħha;
- (b) l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessa relatati mal-impiegati tal-amministratur ikkonċernat, il-persuni li s-servizzi tagħhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu u l-persuni direttament involuti fl-għoti tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti;
- (c) il-proċess ta' sorveljanza tal-għoti ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti, filwaqt li titqies il-vulnerabbiltà tal-parametru referenzjarju kkonċernat u l-iskala tal-organizzazzjoni tal-amministratur;
- (d) il-qafas ta' kontroll għall-għoti jew il-pubblikazzjoni ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti jew biex isir disponibbli, inkluż l-esponenti tal-amministratur għal riskju operazzjonali, riskju ta' kontinwitā tan-negożju jew għar-riskju ta' tfixxil fil-proċess ta' għoti ta' parametru referenzjarju.

(⁹) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1).

## Artikolu 2

### **Kriterji fil-livell ta' parametru referenzjarju jew ta' familja ta' parametri referenzjarji**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu bidliet fid-dikjarazzjoni ta' konformità kif imsemmi fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2016/1011, meta jqisu li din id-dikjarazzjoni ma tkunx ċara dwar l-għaliex l-amministratur ikkonċernat jenħtieġ li jitħalla ma jikkonformax ma' rekwiżit jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011, u b'mod partikolari meta jkun hemm nuqqas ta' ċarezza dwar:

- (a) il-livell ta' kontroll fuq l-għoti tad-data tal-input u jekk, filwaqt li titqies in-natura tad-data tal-input, dan il-livell ta' kontroll huwiex suffiċjenti biex jiżgura l-preċiżjoni, l-integrità u l-affidabbiltà tad-data tal-input;
- (b) it-trasparenza tal-proċeduri għall-konsultazzjoni dwar kwalunkwe bidla materjali fil-metodoloġija tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti, filwaqt li titqies il-kumplessità ta' din il-metodoloġija u n-natura tad-data tal-input użata;
- (c) il-proċess ta' rapportar ta' każijiet ta' manipulazzjoni jew tat-tentattiv ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitora għad-ding tad-data tal-input u l-kontributuri;
- (d) meta l-parametru referenzjarju mhux sinifikanti jkun ibbażat fuq *data* tal-input minn kontributuri, il-kodiċi ta' kondotta u jekk, filwaqt li titqies in-natura tad-data tal-input, din tinkludix salvagwardji għall-integrità tad-data tal-input użata;
- (e) il-kapaċità tal-amministratur li jirrieżamina u jirrapporta dwar il-konformità tiegħu mal-metodoloġija tal-parametru referenzjarju mhux sinifikanti u mar-Regolament (UE) 2016/1011;
- (f) meta d-data tal-input tingħata minn kontributur taħt superviżjoni, jekk dan isirx b'kontrolli xierqa biex jiġu żgurati l-preċiżjoni, l-integrità u l-affidabilità tad-data tal-input.

## Artikolu 3

### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1349

### tas-6 ta' Mejju 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni ta' konformità tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-amministrazzjoni obbligatorja ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 21(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2016/1011 tirrigwarda jew kif parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jiġi ttrasferit lill-amministratur il-ġdid jew kif dan il-parametru referenzjarju għandu jieqaf milli jingħata. Għalhekk huwa xieraq li jiġi speċifikati żewġ settijiet ta' kriterji li għandhom jiġi kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti, skont liema xenarju jkunu qed jivvalutaw.
- (2) Meta parametru referenzjarju ta' importanza kritika jkun se jiġi ttrasferit lil amministratur ġdid, jenħtieġ li l-amministratur il-ġdid ikun jista' jiġi għal parametru referenzjarju ta' importanza kritika jkompli jingħata b'tali mod li l-entitajiet taħt superviżjoni jkunu jistgħu jkomplu jużawħ mingħajr interruzzjoni u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011. Għalhekk hemm bżonn li jiġi speċifikati l-kriterji li awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkunsidra meta tivvaluta jekk l-amministratur il-ġdid jistax jiġi din il-kontinwità.
- (3) Is-superviżjoni ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika jenħtieġ li tiġi żgurata matul it-tranżizzjoni ta' dan il-parametru referenzjarju għal amministratur ġdid. Hemm riskju oħla ta' diskontinwità fis-superviżjoni ta' dan il-parametru referenzjarju meta l-amministratur il-ġdid ikun jinsab fi Stat Membru differenti minn dak tal-awtorità kompetenti li tagħmel il-valutazzjoni dwar kif il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jiġi ttrasferit lil dak l-amministratur il-ġdid. Jenħtieġ li l-awtoritā kompetenti kkonċernata tqis b'mod partikolari l-pubblikazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-parametru referenzjarju, id-disponibbiltà tad-data tal-input, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju u kwalunkwe involviment meħtieġ ma' kwalunkwe kontributur, utent u parti kkonċernata oħra.
- (4) Jenħtieġ li l-awtoritā kompetenti, meta tivvaluta kif parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jiġi ttrasferit lil amministratur il-ġdid, tanalizza minn perspettiva operazzjonal kif l-ghosti ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika se jiġi ttrasferit mill-amministratur attwali għall-amministratur il-ġdid. Jenħtieġ li l-awtoritā kompetenti kkonċernata tqis b'mod partikolari l-pubblikazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-parametru referenzjarju, id-disponibbiltà tad-data tal-input, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju u kwalunkwe involviment meħtieġ ma' kwalunkwe kontributur, utent u parti kkonċernata oħra.
- (5) Awtorità kompetenti li tivvaluta kif parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jitwaqqaf milli jingħata jenħtieġ li tkun sodisfatta li l-parametru referenzjarju jista' jitwaqqaf milli jingħata b'mod ornat, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, il-proċedura għall-waqfiens tal-parametru referenzjarju stabbilita mill-amministratur tiegħu, skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011. Għalhekk hemm bżonn li jiġi speċifikati l-kriterji li awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkunsidra biex tiddetermina jekk dan il-każ-

<sup>(¹)</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

- (6) Awtorità kompetenti li tivvaluta kif parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jieqaf milli jingħata jenħtieġ li tikkunsidra wkoll il-pjanijiet bil-miktub għall-waqfien tal-parametru referenzjarju msemmi fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) 2016/1011. Dawn il-pjanijiet bil-miktub ta' utenti differenti ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika mhux dejjem jistgħu jkunu allinjati u jistgħu ma jkunux konsistenti jekk jiġi applikati fl-istess ħin. Għalhekk huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw sa liema punt dawn il-pjanijiet bil-miktub huma kompatibbli bejn l-utenti differenti tal-parametru referenzjarju, inkluż fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li jixprunaw il-waqfien tal-parametru referenzjarju li dawn il-pjanijiet bil-miktub jipprevedu, u kif dawn il-pjanijiet bil-miktub jistgħu jintużaw biex jiġi żgurat il-waqfien tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika b'mod ordnat.
- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandardi tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).
- (8) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miftuħ dwar l-abbozz tal-istandardi tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċċi potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹).
- (9) Sabiex tiġi żgurata konformità mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹), li dāħħal fir-Regolament (UE) 2016/1011 l-Artikolu 21(5) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### **Kriterji għall-valutazzjoni tat-tranżizzjoni għal amministratur ġdid**

L-awtoritajiet kompetenti, meta jivvalutaw kif parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jiġi ttrasferit għal amministratur ġdid, għandhom jikkunsidraw il-kriterji kollha li ġejjin:

- (a) jekk l-amministratur il-ġdid propost fil-valutazzjoni sottomessa mill-amministratur attwali, skont l-Artikolu 21(1), il-punt (b)(i), tar-Regolament (UE) 2016/1011:
- (i) jinsabx fl-istess Stat Membru bħall-amministratur attwali, jew fi Stat Membru differenti, fliema każ l-awtorità kompetenti, fejn meħtieġ, għandha tikkoopera mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-amministratur il-ġdid biex tivvaluta jekk is-superviżjoni tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika hijex se tiġi żgurata matul it-tranżizzjoni għall-amministratur il-ġdid;
  - (ii) huwiex entità taħt superviżjoni u, jekk iva, għal liema attivitajiet huwa ssorveljat, u jekk hemmx xi kunflitt ta' interessa reali jew potenzjali mal-attivitajiet eżistenti ta' din l-entità;
  - (iii) huwiex utent tal-parametru referenzjarju u, jekk iva, jekk il-kunflitti ta' interessa li jistgħu jinqalgħu humiex mitigati b'mod adegwat;
  - (iv) għandux digħi l-awtorità ta' amministratur ta' parametru referenzjarju skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/1011;

(⁹) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjoniżiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejл tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1).

- (v) huwiex diġà jipprovdi parametri referenzjarji, u jekk huwa hekk, jekk dawn il-parametri referenzjarji humiex ta' importanza kritika, sinifikanti, mhux sinifikanti, ta' komoditajiet jew ta' parametri referenzjarji tar-rati tal-imgħax.
- (b) jekk l-amministratur attwali tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika infurmax lil xi kontributur, xi utent u xi partijiet ikkonċernati oħra, jew jekk wettaqx konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-possibilità ta' tranżizzjoni tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika għall-amministratur il-ġdid;
- (c) il-mod li bih l-amministratur il-ġdid biħsiebu jikkalkula l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika u jekk dan l-amministratur għandux l-intenzjoni li jemenda xi wieħed mill-elementi li ġejjin relatati mal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika u, jekk iva, kif l-amministratur se jiġura l-konformità ta' dawk l-elementi mar-Regolament (UE) 2016/1011:
  - (i) il-metodoloġija, inkluża l-kwalità tad-data tal-input, u r-rieżami tagħha;
  - (ii) il-politika ta' kontinġenza għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju;
  - (iii) il-proċeduri għat-trattament ta' żbalji fid-data tal-input jew fid-determinazzjoni mill-ġdid tal-parametru referenzjarju;
  - (iv) il-kodiċi ta' kondotta;
- (d) jekk l-amministratur il-ġdid ikollux aċċess għall-istess data tal-input bħall-amministratur attwali, inkluża d-data tal-input storika miżmuma mill-amministratur attwali
- (e) jekk l-infrastrutturi tal-IT tal-amministratur il-ġdid ġewx ittestjati b'mod adegwat biex jingħata l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika;
- (f) meta l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika jkun ibbażat fuq data tal-input li tingħata minn panel ta' kontributuri, kif l-amministratur il-ġdid biħsiebu jiissodisa r-rekwiżit stabilit fl-Artikolu 11(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/1011 u jekk il-kontributuri attwali humiex se jkomplu jkunu parti mill-panel wara t-tranżizzjoni tal-parametru referenzjarju għall-amministratur il-ġdid;
- (g) il-mod li bih l-amministratur il-ġdid biħsiebu jippubblika l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika, inklużi l-arrangġamenti standard ta' pubblikazzjoni ta' kuljum, il-frekwenza tal-pubblikazzjoni, l-indirizz tas-sit web u jekk il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika hux se jkun aċċessibbli mal-pagament ta' tariffa jew hux se jkun mingħajr ħlas;
- (h) jekk hemmx pjan dettaljat għad-data ta' tranżizzjoni, u jekk iva, jekk dan il-pjan jittrattax il-kwistjonijiet kollha possibbli, inklużi kwistjonijiet kuntrattwali, li jirriżultaw mit-tranżizzjoni tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika għall-amministratur il-ġdid;
  - (i) ir-riskji legali involuti fit-tranżizzjoni, inkluż ir-riskju ta' kuntratt li ma jitwettaqx;
  - (j) l-implikazzjonijiet tal-kontabbiltà u tat-taxxa tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika li jingħata minn amministratur ġdid;
- (k) l-impatt tat-tranżizzjoni fuq l-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, inklużi l-kmamar tal-ikklerjar.

## Artikolu 2

### Kriterji għall-valutazzjoni tal-waqfien tal-għoti ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jivvalutaw kif parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu jitwaqqaf jew jingħata, jikkunsidraw il-kriterji kollha li ġejjin:
- (a) l-effettivitā tal-proċedura stabbilita skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011, u b'mod partikolari:
    - (i) jekk din il-proċedura tiddefinixx b'mod preċiż l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-amministratur biex b'mod ordnat ma jingħatax il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika;
    - (ii) jekk, meta jitqiesu c-ċirkostanzi tal-każ specificu, dawn l-azzjonijiet ikunux adegwati biex jiżguraw il-waqfien b'mod ordnat tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika, filwaqt li jitqies ukoll il-kriterju msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu;
    - (iii) meta din il-proċedura saret u meta ġiet aġġornata l-aħħar.

- (b) il-pjanijiet bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) 2016/1011, u b'mod partikolari:
- (i) jekk dawn il-pjanijiet bil-miktub jinnominawx parametri referenzjarji alternattivi xierqa li jistgħu jiġu referenzjati biex jissostitwixx l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika u, jekk iva, jekk dawn il-pjanijiet bil-miktub jinnominawx l-istess parametri referenzjarji alternattivi jew parametri referenzjarji alternattivi differenti;
  - (ii) meta dawn il-pjanijiet bil-miktub jinnominaw l-istess parametru referenzjarju alternattiv, jekk dan il-parametru referenzjarju ġiex adottat fi klassijiet ta' assi differenti;
  - (iii) jekk iċ-ċirkostanzi li jiskattaw il-waqfien tal-għoti ta' parametru referenzjarju ta' importanza kritika inkluż fil-pjanijiet bil-miktub humiex l-istess bħal tal-pjanijiet mfassla mill-entitajiet taħt superviżjoni li jużaw dan il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika, meta dan ikun jista' jiġi vvalutat.
- (c) jekk l-amministraturi tal-parametri referenzjarji alternattivi msemmija fil-punt (b)(i) ta' dan il-paragrafu humiex awtorizzati;
- (d) fejn fattibbli, jekk il-waqfien tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika jkollux impatt negattiv fuq l-integrità tas-suq, l-istabbilità finanzjarja, il-konsumaturi, l-ekonomija reali, jew il-finanzjament tal-unitajiet domestiċi u tan-negozji (⁴);
- (e) jekk il-waqfien tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika jirriżultax f'sitwazzjoni ta' force majeure;
- (f) id-dinamika tas-suq jew ir-realtà ekonomika li l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika għandu l-intenzjoni li jkejjel u jekk teżistix *data* tal-input ta' kwalità u kwantità suffiċjenti biex tirrappreżenta dak is-suq sottostanti jew ir-realtà ekonomika bi preċiżjoni;
- (g) jekk l-amministratur ikunx informa lil xi kontributur għall-parametru referenzjarju ta' importanza kritika, lill-utenti ta' dan il-parametru referenzjarju u lil partijiet ikkonċernati oħra, jew ikunx wettaq konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-waqfien possibbli tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika;
- (h) kwalunkwe riskju legali involut fil-waqfien tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika;
- (i) l-implikazzjonijiet tal-kontabbiltà u tat-taxxa tal-waqfien tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika;
- (j) l-impatt tal-waqfien tal-għoti tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika fuq l-infrastrutturi tas-suq, inklużi l-kmamar tal-ikklerjar.

Għall-finijiet tal-punt (c), meta l-amministraturi tal-parametri referenzjarji alternattivi msemmijin fil-punt (b)(i) ta' dan il-paragrafu ma jkunux awtorizzati, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2016/1011 u għandha tivvaluta jekk il-perjodu ta' amministrazzjoni obbligatorja tal-parametru referenzjarju ta' importanza kritika huwiex meħtieġ biex tingħata l-awtorizzazzjoni lill-amministraturi ta' dawn il-parametri referenzjarji alternattivi.

2. Minbarra l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tivvaluta jekk il-proċedura stabilita mill-amministratur skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 hijiex xierqa meta jitqiesu l-elementi li ġejjin li jikkonċernaw l-istumenti finanzjarji, il-kuntratti finanzjarji jew il-fondi ta' investiment li jirreferenzjaw il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika:

- (a) il-volum u l-valur tagħhom;
- (b) it-terminu, it-tul ta' żmien, il-maturità jew id-data ta' skadenza tal-istumenti finanzjarji, il-kuntratti finanzjarji u kwalunkwe dokument ieħor li jsir għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fond ta' investiment permezz ta' indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċiċiet bil-għan li jiġi traċċat ir-redditu ta' dan l-indiċi jew ta' kombinazzjoni ta' indiċiċiet, li tiġi definita l-allokazzjoni tal-assi ta' portafoll, jew li jiġi kkalkulati t-tariffi tal-prestazzjoni.
- (c) jekk il-parametru referenzjarju ta' importanza kritika hux se jkompli jingħata għall-użu matul perjodu tranżitorju jew ta' run-off;

(⁴) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/64 tad-29 ta' Settembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li għandu l-għan jispeċifika kif il-kriterji tal-Artikolu 20(1)(c)(iii) għandhom jiġi applikati biex jiġi evalwat jekk ċerti attivitajiet jirriżultawx fimpatti sinifikanti u avversi għall-integrità tas-swied, għall-istabbilità finanzjarja, għall-konsumaturi, għall-ekonomija reali, jew għall-finanzjament tal-unitajiet domestiċi u tan-negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar (ĠU L 12, 17.1.2018, p. 5).

- (d) jekk il-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 tipprevedix dawn il-bidiet fil-parametru referenzjarju ta' importanza kritika skont kif meħtieġ biex jiġi żgurat li l-parametru referenzjarju ta' importanza kritika jibqa' affidabli u rappreżentattiv tas-suq sottostanti jew tar-realtà ekonomika li jkun biħsiebu jkejjel matul il-perjodu msemmi fis-subparagrafu 2(c) ta' dan l-Artikolu;
- (e) il-possibilità li dawn l-istumenti finanzjarji, il-kuntratti finanzjarji jew dokumenti oħrajn li jsiru għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fond ta' investiment permezz ta' indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet, bil-għan li jiġi traċċat ir-redditu ta' dan l-indiċi jew ta' kombinazzjoni ta' indiċijiet, li tiġi definita l-allokazzjoni tal-assi ta' portafoll, jew li jiġu kkalkulati t-tariffi tal-prestazzjoni, jiġu mfixxla jew li t-termini tagħhom jinkisru fil-każ tal-waqfien tal-ghotxi tal-paramentru referenzjarju ta' importanza kritika.

### Artikolu 3

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1350

### tas-6 ta' Mejju 2021

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-arranġamenti ta' governanza ta' amministratur ikunu b'saħħithom biżżejjed**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investimenti u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(9) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex ikunu b'saħħithom, l-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji jenħtieġ li jipprevedu struttura organizzattiva li b'mod ċar u ddokumentat tispeċifika l-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-maniġment, il-linji ġerarkiċi interni u t-tqassim tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-persuni involuti fl-għoti ta' parametru referenzjarju.
- (2) Jenħtieġ li l-arranġamenti ta' governanza b'saħħithom jippermettu l-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess possibbli li jistgħu jinqalgħu fl-istruttura organizzattiva tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji. Għaldaqstant jenħtieġ li, l-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji jispeċifikaw b'mod partikolari l-istruttura tal-korp maniġerjali u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tiegħu.
- (3) Ċirkustanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess ma teskludix awtomatikament lill-persuna involuta f'dan il-kunflitt ta' interess milli tkun involuta fl-ġħoti ta' parametru referenzjarju. Madankollu jenħtieġ li l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jidtekk iċ-ċirkostanzi kollha li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess potenzjali jew reali, jivvalutawhom u jiddeċiedu, fejn xieraq, dwar miżuri ta' mitigazzjoni.
- (4) L-amministraturi tal-parametri referenzjarji li huma parti minn grupp jenħtieġ li jivvalutaw kif xieraq kwalunkwe implikazzjoni tal-istruttura tal-grupp marbuta mal-arranġamenti ta' governanza tagħhom stess. Tali valutazzjoni jenħtieġ li tqis jekk il-kunflitti ta' interess li jirriżultaw jistgħux jikkompromettu l-kappaċċità tagħhom li jissodis faw l-obbligi regolatorji tagħhom. Jenħtieġ li tivvaluta wkoll jekk l-indipendenza tal-amministraturi tistax tīgħi kompromessa mill-istruttura tal-grupp jew mill-fatt li membru tal-korp maniġerjali tal-amministraturi jkun ukoll membru tal-bord ta' entitajiet l-oħra tal-istess grupp. Dawn l-amministraturi tal-parametri referenzjarji jenħtieġ li jadottaw proċeduri speċifiki għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess li jistgħu jirriżultaw minn din l-istruttura tal-grupp.
- (5) Jenħtieġ li l-amministraturi li joperaw bħala parti minn grupp ikunu jistgħu jfisxtu sinerġiji fil-livell tal-grupp. Madankollu, il-funzjonijiet li jiġi esternalizzati fi ħdan il-grupp jenħtieġ li jikkonformaw mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1011 u ma' kull dispożizzjoni oħra rilevanti ta' dan ir-Regolament.
- (6) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti ma jkunux soġġetti għal piż amministrattiv eċċessiv. Fir-rigward tal-parametri referenzjarji mhux sinifikanti tagħhom, jenħtieġ li għaldaqstant dawn l-amministraturi jkunu jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx fċerti rekwiżiti li jirrigwardaw l-istruttura organizzattiva tagħhom. Barra minn hekk, meta jkun iġġustifikat, fid-dawl tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attività oħra tal-amministratur, u l-livell ta' diskrezzjoni involut fil-proċess tal-ġħoti tal-parametri referenzjarju u kwalunkwe attività oħra tal-amministratur, u l-livell ta' diskrezzjoni involut fil-proċess tal-ġħoti tal-parametri referenzjarju, jenħtieġ li ċerti amministraturi tal-parametri referenzjarji jkunu jistgħu jagħżlu li ma japplikawx ir-rekwiżit li jispeċifikaw il-proċedura għall-ħatra tal-korp maniġerjali fl-arranġamenti ta' governanza tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).
- (8) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istands tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċi potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2).
- (9) Sabiex tiġi żgurata konformità mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3), li daħħal fir-Regolament (UE) 2016/1011 l-Artikolu 4(9) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### **Proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet, it-tqassim tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet u linji ġerarkiċi interni**

1. L-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom jiġu approvati mill-korp maniġjerjali, jekk ikun hemm, u għandhom jispeċifikaw b'mod ċar u ddokumentat sew, dan li ġej:
  - (a) il-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-maniġment;
  - (b) l-organigramma tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji, li tistabbilixxi kif il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet jitqassmu lill-persuni direttament involuti fl-għoti ta' parametru referenzjarju;
  - (c) il-linji ġerarkiċi interni.
2. Il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom ikopru dawn kollha li ġejjin, fejn applikabbli:
  - (a) il-kompożizzjoni, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korp maniġjerjali u ta' kwalunkwe kumitat relata;
  - (b) l-istruttura tal-korp maniġjerjali;
  - (c) il-ħatra tal-korp maniġjerjali.
3. L-organigramma msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha tispeċifika kwalunkwe funzjoni esternalizzata fi ħdan u barra l-grupp tal-amministratur u kwalunkwe persunal kondiviż fil-grupp tal-amministratur. Fit-tqassim tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet, l-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi għandhom jiżguraw li meta persuni jwettqu diversi funzjonijiet jew ikunu involuti f'diversi kumitat, dawn ikunu jistgħu jimpenjaw biżżejjed ħin għall-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet mogħtija lilhom u ma jkunux impediti milli jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod sod, onest u professionali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-amministraturi għandhom iqisu l-ġħadd ta' laqgħat li l-persuna rilevanti trid tattendi, in-natura tal-pożizzjoni speċifika u r-responsabbiltajiet relatati u jekk il-persuna kkonċernata twettaqx xi funzjoni jew aktivitā oħra.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejл tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li tikkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1).

4. L-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom jipprevedu qafas ta' remunerazzjoni ċar għall-persuni kollha direttament involuti fl-għoti tal-parametru referenzjarju, filwaqt li jitqiesu l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet mogħtija lilhom.

5. L-amministraturi tal-parametri referenzjarji jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-paragrafu 2, il-punt (c), u l-paragrafu 4 fir-rigward tal-parametri referenzjarji mhux sinifikanti tagħhom.

6. L-amministraturi tal-parametri referenzjarji jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-paragrafu 2, il-punt (c), u l-paragrafu 4 meta tali nonparteċipazzjoni tkun adegwata u proporzjonata, filwaqt li jqisu dan li ġej:

- (a) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-amministratur;
- (b) il-probabbiltà ta' kunflitt ta' interess li jirriżulta bejn l-għoti tal-parametru referenzjarju u kwalunkwe attività oħra tal-amministratur;
- (c) il-livell ta' diskrezzjoni involut fil-proċess tal-għoti tal-parametru referenzjarju.

## Artikolu 2

### Obbligu ta' rendikont

1. L-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom, bħala parti mill-istruttura organizzattiva tagħhom, jispeċifikaw b'mod ċar u ddokumentat sew l-obbligu ta' rendikont tal-persuni li ġejjin:

- (a) il-persuni responsabbi għad-deċiżjonijiet li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-għoti tal-parametru referenzjarju, b'mod partikolari meta t-teħid ta' dawn id-DEĊIŻJONIET JIġi ddelegat
- (b) il-persuni responsabbi mill-publikazzjoni jew id-divulgazzjoni ta' kunflitti ta' interess eżistenti jew potenzjali skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2016/1011;
- (c) il-persuni responsabbi għall-istabbiliment ta' proċeduri spċifici ta' kontroll intern biex jiġu żgurati l-integrità u l-affidabbiltà tal-impiegat jew tal-persuna li tiddetermina l-parametru referenzjarju, imsemmija fl-Artikolu 4(8) tar-Regolament (UE) 2016/1011;
- (d) il-persuni responsabbi għar-rappurtar intern ta' kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitt ta' interess.

2. L-amministraturi tal-parametri referenzjarji jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-paragrafu 1, il-punt (d), fir-rigward tal-parametri referenzjarji mhux sinifikanti tagħhom.

## Artikolu 3

### Ir-rekwiżiti ta' trasparenza

1. L-arranġamenti ta' governanza tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom jiżguraw li l-maniġers jew l-impiegati kollha tagħhom, u kwalunkwe persuna fiżika oħra li s-servizzi tagħha jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom jew taħt il-kontroll tagħhom u li jkunu direttament involuti fl-għoti ta' parametru referenzjarju, ikunu konxji mir-responsabbiltajiet tagħhom u mill-proċeduri li jridu jsegwu għat-twettiq xieraq ta' dawn ir-responsabbiltajiet.

2. Meta amministratur ta' parametru referenzjarju jkun parti minn grupp, l-arranġamenti ta' governanza ta' dak l-amministratur għandhom jiddettal jaw kwalunkwe funzjoni relatata ma' kwalunkwe servizz u attività kkonċernati li jkunu ġew esternalizzati biex jingħata parametru referenzjarju, inkluż l-l-entitajiet fi grupp, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1011.

## Artikolu 4

### Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1351

### tas-6 ta' Mejju 2021

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandardi tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-karatteristiċi tas-sistemi u l-kontrolli għall-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' kwalunkwe mgħiba li tista' tinvovi l-manipulazzjoni jew it-tentattiv ta' manipulazzjoni ta' parametru referenzjarju**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investimenti u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-manipulazzjoni jew it-tentattiv ta' manipulazzjoni ta' parametru referenzjarju tkun effettiva u adegwata. Għaldaqstant huwa meħtieġ li s-sistemi u l-kontrolli ta' amministratur ta' parametru referenzjarju jkunu proporzjonati għan-natura, il-kumplessità u r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju pprovdut u li r-riskju ta' manipulazzjoni jiġi evalwat abbażi ta' valutazzjoni oġġettiva li tqis l-oriġini, in-natura, il-pekuljarit u s-severità ta' tali riskju.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li d-detezzjoni ta' kwalunkwe mgħiba li tista' tinvovi manipulazzjoni jew tentattiv ta' manipulazzjoni ta' parametru referenzjarju tkun effettiva, huwa meħtieġ li jiġi previsti sistemi awtomatizzati xierqa għall-monitoraġġ tad-data tal-input. Madankollu, is-sistemi awtomatizzati waħedhom mhumiex bizzżejjed biex jiżguraw li l-imġiba manipulattiva tiġi identifikata b'mod effettiv. Għaldaqstant is-sistemi awtomatizzati jenħtieġ li jiġi kkumplimentati b'livell adegwaw ta' analiżi umana li għandha titwettaq minn persunal imħarreġ b'mod xieraq.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw b'mod effettiv il-miżuri meħuda biex jidtentifikasi u jirrappurtaw mgħiba ħażina, jenħtieġ li l-amministraturi, fuq talba, jipprovd lill-awtorità kompetenti b'informazzjoni dwar in-natura, il-kumplessità u r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju kkonċernat, u jissostanzjaw l-adegwatezza tal-livell ta' awtomatizzazzjoni u tal-analiżi umana magħżulin.
- (4) L-impiegati ta' amministratur ta' parametru referenzjarju li huma responsabbi mit-tħaddim tas-sistemi u l-kontrolli tal-amministratur jenħtieġ li jircieu taħbi xieraq biex ikunu jistgħu janalizzaw jekk l-input ta' *data* partikolari huwiex suspettuż jew le. Tali taħbi jenħtieġ li jiżgura li dawn l-impiegati jkunu konxji mill-karatteristiki tas-sottomissjoni korretta tad-data tal-input, u tad-diskrepanzi fid-data tal-input li potenzjalment jkunu kkawżati minn manipulazzjoni jew minn tentattiv ta' manipulazzjoni. It-taħbi jenħtieġ li jiftassal b'mod effettiv skont in-natura, il-kumplessità u r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju pprovdut.
- (5) L-amministraturi jistgħu jippreferu li jesternalizzaw il-funzjonijiet relatati mas-sistemi u l-kontrolli. Din l-esternalizzazzjoni jenħtieġ li tkun possibbli biss dment li ma tfixkilx materjalment il-kontroll tal-amministratur fuq l-għoti tal-parametru referenzjarju jew il-kapaċċità tal-awtorità kompetenti rilevanti li tissorvelja l-parametru referenzjarju, u hija f'kull każ soġġetta għar-rekwiżiti tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1011.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).

<sup>(¹)</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

- (7) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (7).
- (8) Sabiex tiġi żgurata konformità mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (8), li dāħħal fir-Regolament (UE) 2016/1011 l-Artikolu 14(4) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### **Sistemi adegwati u kontroll effettiv**

1. Is-sistemi adegwati u l-kontroll effettiv imsemmijin fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 għandhom jkunu:

- (a) adegwati għan-natura, il-kumplessità u r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju pprovdut, kif ukoll proporzjonal iż-għalihom.
- (b) rieżaminati u aġġornati meta jkun meħtieġ b'mod regolari u tal-anqas darba fis-sena, biex jiġi żgurat li dawn is-sistemi u l-kontrolli jkomplu jikkonformaw mal-punt (a);
- (c) iddokumentati bil-miktub b'mod ċar u li jinfiehem, inkluż kwalunkwe tibdil jew aġġornament ta' dawn is-sistemi u l-kontrolli.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-amministratur għandu, fuq bażi regolari u mill-inqas darba fis-sena, jivvaluta r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju pprovdut, filwaqt li jqis l-elementi li ġejjin:

- (a) l-operazzjonijiet previsti meħtiegä biex jingħata l-parametru referenzjarju;
- (b) l-oriġini, in-natura, il-pekuljarità u s-severità potenzjali tar-riskju ta' manipulazzjoni;
- (c) il-miżuri previsti biex jindirizzaw ir-riskju ta' manipulazzjoni, inklużi s-salvagwardji, il-miżuri ta' sigurtà u l-proċeduri interni.

2. Is-sistemi adegwati u l-kontrolli effettivi msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 għandhom jinkludu, sa livell li jkun xieraq għan-natura, il-kumplessità u r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju pprovdut, l-elementi kollha li ġejjin:

- (a) is-software li bih ikun jista' jsir il-qari awtomatizzat diferit, ir-rieżami u l-analiżi tad-data tal-input;
- (b) l-analiżi umana fid-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' mgħiba li tista' tinvolvi manipulazzjoni jew tentattiv ta' manipulazzjoni ta' parametru referenzjarju.

3. L-amministratur għandu, fuq talba mill-awtorità kompetenti, jipprovd lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), u jissostanza l-adegwatezza tal-livell ta' awtomatizzazzjoni u ta' analiżi umana magħżula, kif imsemmi fil-paragrafu 2.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(8) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejл tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1).

## Artikolu 2

### Taħriġ

1. Is-sistemi adegwati u l-kontrolli effettivi msemmijin fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 għandhom jitħaddmu mill-impiegati tal-amministratur li jkunu mħarrġa b'mod adegwat u regolari biex:
  - (a) isibu u jidentifikaw kwalunkwe *data* tal-input suspettużha li tista' tkun ir-riżultat ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju jew ta' tentattiv ta' manipulazzjoni;
  - (b) jirrapportaw fil-pront kwalunkwe sejba lill-linja ġerarkika interna tagħhom.
2. Fid-determinazzjoni tal-kontenut tat-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-amministratur għandu jqis in-natura, il-kumplessità u r-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju pprovdut kif imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (a).

## Artikolu 3

### Politika ta' integrità għad-data tal-input

Is-sistemi adegwati u l-kontrolli effettivi msemmijin fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011 għandhom ikunu ddokumentati f'politika ta' integrità għad-data tal-input li tagħti:

- (a) ir-riskju ta' manipulazzjoni tal-parametru referenzjarju
- (b) deskrizzjoni ġenerali tas-sistemi adegwati u tal-kontrolli effettivi, inkluża l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1;
- (c) deskrizzjoni ġenerali tat-taħriġ tal-impiegati tal-amministratur involut fit-tħaddim ta' sistemi adegwati u ta' kontrolli effettivi, kif imsemmi fl-Artikolu 2;
- (d) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni responsabbi mis-sistemi adegwati u l-kontrolli effettivi.

## Artikolu 4

### Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1352

### tas-6 ta' Mejju 2021

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija biex ikun determinat parametru referenzjaru tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kwalità**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investimenti u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex il-metodoloġija għad-determinazzjoni ta' parametru referenzjaru tkun robusta u affidabbli jenħtieġ li din il-metodoloġija tispeċifika n-natura tad-data tal-input użata u kwalunkwe kriterju li għandu jkun applikabbli fċirkostanzi li fihom il-kwantità jew il-kwalità tad-data tal-input taq'a taħt l-standards meħtieġa għall-metodoloġija biex jiġi ddeterminat il-parametru referenzjaru b'mod preċiż u affidabbli, jenħtieġ li tkun sogħetta għal valutazzjoni tar-relazzjoni bejn is-suppożizzjoni jiet ewleni użati u s-sensitività tal-parametru referenzjaru komputat minn din il-metodoloġija, jenħtieġ li tkun kapaċi tirrappreżenta s-suq sottostanti jew ir-realta ekonomika li qed tkejjel, u jenħtieġ li tinkorpora fatturi, inklużi l-parametri u d-data tal-input, li huma l-aktar relevanti biex jitkejjel is-suq sottostanti.
- (2) Parametru referenzjaru jiġi kkalkulat bl-użu ta' formula jew metodo ieħor ta' kalkolu bbażat fuq il-valuri sottostanti. L-amministraturi għandhom grad ta' diskrezzjoni fit-tfassil tal-formula, fit-twettiq tal-kalkolu meħtieġ u fid-determinazzjoni tad-data tal-input. Dan il-grad ta' diskrezzjoni joħloq riskju ta' manipulazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-amministraturi jiżguraw li meta tintuża din id-diskrezzjoni, inkun hemm fis-seħħi sistema ta' kontroll xierqa. Ir-Regolament (UE) 2016/1011 jirrikonoxxi li t-tfassil ta' metodoloġija tal-parametru referenzjaru jista' jinkorpora setgħa diskrezzjonal li tkun eżerċitata minn kull amministratur. Huwa importanti li l-metodoloġija tħalli regoli ċari li jidher kif u meta din id-diskrezzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata u b'mod partikolari jekk din id-diskrezzjoni hijex ibbażata fuq algoritmu jew metodoloġija definita minn qabel. Barra minn hekk jenħtieġ li l-metodoloġija tiċċċara fliema ċirkostanzi d-data tat-tranżazzjoni fis-suq sottostanti titqies bħala mhux suffiċjenti.
- (3) Huwa importanti li amministratur ikun jista' jibni metodoloġija tal-parametru referenzjaru li tkun reżiljenti għal kundizzjonijiet tas-suq differenti u li tippermetti l-kalkolu tal-parametru referenzjaru fl-aktar ġabru wiesa' ta' ċirkostanzi tas-suq possibbli. Il-metodoloġija tal-parametru referenzjaru użata għandha għaldaqstant tiddependi fuq valuri storiċi adegwati u xierqa tal-parametru referenzjaru. Għall-istess raġuni, u b'mod partikolari biex jiġi vvalidat il-kalkolu tal-parametru referenzjaru u bieq tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-metodoloġija ex post, il-metodoloġija tal-parametru referenzjaru jenħtieġ li tiġi t-testja retrospettivament mad-data tat-tranżazzjoni disponibbli. Tali t-testjar retrospettiv għandu jkun eżerċizzu ex post, li jew już-a data disponibbli addizzjonal li ma ntużatx għall-kalkolu tal-parametru referenzjaru jew już-a sorsi oħra ta' data tat-tranżazzjoni, jew li jibni mill-ġdid il-valuri storiċi tal-parametru referenzjaru. Sabiex jiġi żgurat li l-metodoloġija tal-parametru referenzjaru tkun kapaċi għall-validazzjoni, huwa importanti li l-it-testjar retrospettiv jitwettaq f'kull rieżami annwali tal-metodoloġija tal-parametru referenzjaru, u skont it-tip ta' parametru referenzjaru li jkun, jew wara kull bidla materjali ta' din il-metodoloġija, fuq bażi kontinwa, jew meta jingħata l-ewwel parametru referenzjaru. Is-sejbiet mill-it-testjar retrospettiv għandhom jiġu riflessi fil-metodoloġija.

<sup>(¹)</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

- (4) Metodoloġija tal-parametru referenzjarju li hija reżiljenti jenħtieġ li tkun tista' tintuża għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju fl-aktar ġabru wiesa' ta' ċirkostanzi possibbli, inkluż fkundizzjonijiet tas-suq taħt stress. Għalhekk huwa importanti li l-amministraturi jivvalutaw l-impatt ta' diversi kundizzjonijiet tas-suq fuq il-metodoloġija bl-użu ta' data storika minn kundizzjonijiet tas-suq taħt stress reali, u li għall-parametri referenzjarji kritiċi tintuża data ipotetika għal kundizzjonijiet tas-suq taħt stress mhux reali.
- (5) Metodoloġija tal-parametru referenzjarju li hija traċċabbli u verifikabbli jenħtieġ li tippermetti kontroll kontinwu u kontroll ta' kull kalkolu tal-parametru referenzjarju. It-traċċabbiltà jenħtieġ li tinkludi d-dokumentazzjoni tal-passi differenti tal-metodoloġija u jenħtieġ li tkun il-bażi għall-verifikazzjoni, jiġifieri l-kapaċità li jiġu mibnija mill-ġdid il-valuri storiċi tal-parametru referenzjarju.
- (6) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti u ta' parametri referenzjarji tad-data regolata ma jkunux soġġetti għal piż amministrattiv eċċessiv. Għalhekk huwa xieraq li tali amministraturi jkunu jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx fċerti rekwiżiti ta' kwalità għal dawn il-parametri referenzjarji. Barra minn hekk, meta jkun iġġustifikat fid-dawl tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-aktivitajiet tagħhom, il-probabbiltà ta' kunflitt ta' interess li jirriżulta bejn l-għoti ta' parametri referenzjarju u kwalunkwe aktività oħra tal-amministratur, u l-livell ta' diskrezzjoni involut fil-proċess tal-għoti tal-parametru referenzjarju, jenħtieġ li ġerti amministraturi tal-parametri referenzjarji jkunu jistgħu jaġħżlu li ma jipparteċipawx fċerti rekwiżiti fir-rigward tar-reżiljenza tal-metodoloġija tal-parametru referenzjarju.
- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).
- (8) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċi potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).
- (9) Sabiex tiġi żgurata konformità mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), li daħħal fir-Regolament (UE) 2016/1011 l-Artikolu 12(4) ta' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### **Il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija tkun b'saħħitha u affidabbli.**

1. Il-metodoloġija tal-parametru referenzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/1011, għandha:

(a) tkun kapaċi tirrappreżenta s-suq sottostanti jew ir-realtà ekonomika li jkollha l-għan li tkejjel u għandha tinkorpora fatturi, inklużi l-parametri u d-data tal-input, li huma l-aktar rilevanti biex jitkejjel is-suq sottostanti;

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(²) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kej l-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li tikkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1).

- (b) tkun soġġetta għal valutazzjoni tar-relazzjoni bejn is-suppożizzjonijiet ewlenin użati u s-sensittivitā tal-parametru referenzjarju kkalkulat permezz ta' din il-metodoloġija;
- (c) tispeċifika n-natura tad-data tal-input użata fil-metodoloġija;
- (d) tispeċifika kwalunkwe kriterju li għandu jkun applikabbli fċirkostanzi li fihom il-kwantità jew il-kwalitā tad-data tal-input taqa' taħbi l-standards meħtieġa għall-metodoloġija biex il-parametru referenzjarju jiġi ddeterminat b'mod preċiż u affidabbli.
2. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-paragrafu 1, il-punt (b), għal dawn il-parametri referenzjarji.
3. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji tad-data regolata jistgħu jagħżlu li ma japplikawx il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 għal dawn il-parametri referenzjarji.

## Artikolu 2

### **Il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija tal-parametri referenzjarji jkollha regoli ċari li jidentifikaw kif u meta tista' tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni biex jiġi ddeterminat il-parametru referenzjarju.**

- Il-metodoloġija tal-parametru referenzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/1011, għandha tispeċifika dan kollu li ġej:
- (a) l-istadju tal-kalkolu tal-parametru referenzjarju li fih titwettaq id-diskrezzjoni;
- (b) il-kriterji li għandhom jintużaw meta tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni;
- (c) id-data tal-input li għandha tiġi kkunsidrata;
- (d) fejn applikabbli, lista mhux eżawrjenti tal-kundizzjonijiet li taħthom:
- (i) id-data tat-tranżazzjonijiet fis-suq sottostanti għandha titqies bħala mhux suffiċjenti u l-użu tad-data tat-tranżazzjonijiet fi swieq relatati bħala meħtieġ;
  - (ii) l-applikazzjoni tal-metodoloġija ma tagħix riżultat u għandha tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni biex jiġi ddeterminat il-parametru referenzjarju.
- (e) it-tip ta' swieq relatati li għandhom jitqiesu xierqa għall-finijiet tal-punt (d)(i).

## Artikolu 3

### **Il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija tal-parametru referenzjarju tkun rigorūża, kontinwa u kapaċi għall-validazzjoni, inkluż, fejn xieraq, l-itteżżejjek retrospettiv skont id-data disponibbli tat-tranżazzjonijiet.**

1. Il-metodoloġija tal-parametru referenzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2016/1011, għandu jkollha dan kollu li ġej:
- (a) valutazzjoni tal-adegwatezza tal-valuri storiċi għall-parametru referenzjarju prodott minn din il-metodoloġija;
- (b) data tal-input affidabbli, inkluż id-daqs xieraq tal-kampjuni tad-data, jekk ikun hemm.
2. L-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom jiżgħuraw li kwalunkwe t-testjar retrospettiv li għalihi hija soġġetta l-metodoloġija tal-parametru referenzjarju jsir ex post u jirreferi għall-perjodu ta' żmien xieraq.

L-itteżżejjek retrospettiv għandu jsir mill-inqas f'kull rieżami annwali tal-metodoloġija tal-parametru referenzjarju u wara kwalunkwe bidla materjali ta' din il-metodoloġija. Għall-parametri referenzjarji tad-data regolata, l-itteżżejjek retrospettiv għandu jseħħi meta jingħata għall-ewwel darba il-parametru referenzjarju. Għall-parametri referenzjarji ta' importanza kritika, għandu jitwettaq itteżżejjek retrospettiv ta' kull xahar.

Il-metodoloġija tal-parametru referenzjarju għandha tinkludi valutazzjoni tar-riżultati tal-itteżżejjek retrospettiv, inkluż l-proċeduri biex jiġi żgurat li anomaliji sistemiċi enfasizzati mill-itteżżejjek retrospettiv jiġu identifikati u indirizzati kif xieraq.

#### Artikolu 4

**Il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija tal-parametru referenzjarju hija reżiljenti u biex jiġi żgurat li l-parametru referenzjarju jista' jiġi kkalkul fl-aktar ġabra wiesa' ta' ċirkostanzi possibbli, mingħajr ma tiġi kompromessa l-integrità tiegħu**

1. L-amministraturi għandhom jivvalutaw l-impatt ta' diversi kundizzjonijiet tas-suq fuq il-metodoloġija bl-użu ta' *data* storika minn kundizzjonijiet ta' stress fis-suq. Meta ma tkun disponibbli l-ebda *data* storika xierqa, l-amministraturi tal-parametri referenzjarji ta' importanza kritika għandhom jużaw *data* ipotetika li tirrappreżenta kundizzjonijiet ta' stress fis-suq.
2. L-amministraturi għandhom jużaw parametri u suppożizzjonijiet fil-metodoloġija biex ikopru varjetà ta' kundizzjonijiet storiċi jew, fil-każ tal-amministraturi tal-parametri referenzjarji ta' importanza kritika, kundizzjonijiet ipotetiċi, inklużi l-aktar perjodi volatili esperjenzati mis-swieq u filwaqt li jitqiesu varjetà ta' ipoteżiżiet għall-korrelazzjoni bejn l-assi sottostanti.
3. L-amministraturi ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti u ta' parametri referenzjarji tad-*data* regolata jistgħu jagħżlu li ma jaapplikawx il-paragrafu 2 fir-rigward ta' dawn il-parametri referenzjarji.
4. L-amministraturi jistgħu jaġħżlu li ma jaapplikaw l-ebda rekwiżit stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
  - (a) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-għoti tal-parametri referenzjarji;
  - (b) il-probabbiltà ta' kunflitt ta' interess li jirriżulta fl-għoti tal-parametri referenzjarji;
  - (c) il-livell ta' diskrezzjoni involut fil-proċess tal-għoti tal-parametri referenzjarji.

#### Artikolu 5

**Il-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-metodoloġija tal-parametru referenzjarju tkun traċċabbi u verifikabbi**

L-amministraturi tal-parametri referenzjarji għandhom iżommu rekord iddokumentat tal-awditjar għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju, inkluża kwalunkwe valutazzjoni tar-reżiljenza tal-metodoloġija u tar-riżultati tal-ittestjar retrospettiv.

#### Artikolu 6

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1353

**tas-17 ta' Mejju 2021**

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-każijiet u l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru laboratorji uffiċjali li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fir-rigward tal-metodi kollha li jużaw għall-kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-sahħha u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-sahħha tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Ufficijali)<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistipula li l-analiżi, it-testijiet u d-dianjożi tal-laboratorju fuq kampjuni meħuda matul il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra għandhom jitwettqu minn laboratorji uffiċjali, li jkunu nħatru bħala tali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.
- (2) F'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 37(4) tar-Regolament (UE) 2017/625, jeħtieġ li l-laboratorji uffiċjali jikkonformaw, fost l-oħrajn, ma' ċerti kriterji ta' akkreditazzjoni bbażati fuq standards internazzjonali. L-Artikolu 37(5) jipprevedi li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-akkreditazzjoni għandu jinkludi l-metodi ta' analiżi, ittestjar jew dianjożi tal-laboratorju meħtieġa li jintużaw matul l-operazzjonijiet uffiċjali tal-laboratorju.
- (3) L-għan tal-obbligu li jkun hemm laboratorji u metodi akkreditati huwa li tīgi żgurata l-kompetenza tal-laboratorji uffiċjali biex jipproduċu riżultati affidabbli u riproduċibbli bħala bażi għall-kontrolli uffiċjali armonizzati u attivitajiet uffiċjali oħra fi ħdan l-Unjoni.
- (4) Fl-istess ħin, il-proċess ta' akkreditazzjoni jeħtieġ żmien u riżorsi konsiderevoli.
- (5) Għalhekk, l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jispeċifikaw il-każijiet fejn u l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru bħala laboratorji uffiċjali, laboratorji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-punt (e) tal-Artikolu 37(4) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-metodi kollha li jużaw għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra. Tali laboratorji jistgħu jinħatru skont il-kundizzjonijiet stipulati taħt dik is-setgħa sakemm jissodisfaw il-kriterji stabiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/625.
- (6) Fl-oqsma tas-sahħha tal-pjanti, il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel, l-aromatizzanti u l-addittivi tal-għalf huma meħtieġa aktar sforzi biex jittlesta l-proċess ta' akkreditazzjoni. Il-kompieti relatati huma kumplessi peress li l-għadd potenzjali ta' sustanzi li jridu jiġu vverifikati f'matriċi partikolari jew fid-diversi kombinazzjonijiet ta' matriċi/analiti jimplika firxa wiesgħa u għadd kbir ta' metodi ta' ttestjar. L-akkreditazzjoni tal-kombinazzjonijiet potenzjali kollha toħloq piż sproporzjonat f'termini ta' żmien u riżorsi fuq il-laboratorji f'dawn l-oqsma.

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 7.4.2017, p. 1.

- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaħtru bħala laboratorji uffiċjali dawk il-laboratorji li mhumiex akkreditati għall-metodi kollha li jużaw għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra dment li dawn il-laboratorji jkollhom skema ta' assigurazzjoni tal-kwalità fis-seħħ u jużaw metodi kkaratterizzati mill-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2017/625, kif ukoll mill-modalitajiet għall-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji.
- (8) Fil-qasam tas-saħħha tal-pjanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaħtru bħala laboratorji uffiċjali dawk il-laboratorji li jixtieq jużaw metodu li ġħaliha ma għandhomx akkreditazzjoni u li digħi huma akkreditati għal mill-inqas metodu wieħed għall-użu fuq pest mill-istess grupp ta' organiżmi, jiġifieri n-nematodi, il-batterji, il-fungi u l-oomiċeti, il-viruses, il-virojdi u l-fitoplażmi, l-inseitti u d-dud, bħala l-pest li ġħaliha jintuża l-metodu mhux akkreditat.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 167(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, fil-qasam tas-saħħha tal-pjanti, il-punt (e) tal-Artikolu 37(4) u l-Artikolu 37(5) ta' dak ir-Regolament japplikaw mid-29 ta' April 2022. Għalhekk, fir-rigward tal-ħatra ta' laboratorji uffiċjali fil-qasam tas-saħħha tal-pjanti, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll mid-29 ta' April 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-każijiet fejn, u l-kundizzjonijiet li skonthom, laboratorji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' akkreditazzjoni stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 37(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-metodi kollha li jużaw għall-kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra, jistgħu jinhħtru bħala laboratorji uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti.

### *Artikolu 2*

#### **Laboratorji uffiċjali fl-oqsma tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel, l-aromatizzanti u l-addittivi tal-għalf**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru laboratorji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 37(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-metodi kollha ta' analiżi, ittestjar jew dijanjożi tal-laboratorju li jużaw għall-kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra, bħala laboratorji uffiċjali fl-oqsma tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel, l-aromatizzanti u l-addittivi tal-għalf dment li:

- (a) dawk il-laboratorji jkollhom sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità fis-seħħ biex jiġi żgurat li jinkisbu riżultati affidabbli mill-użu ta' metodi ta' analiżi, ittestjar jew dijanjożi tal-laboratorju barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tagħhom u
- (b) il-metodi mhux akkreditati użati minn dawk il-laboratorji jkunu kkaratterizzati mill-kriterji rilevanti għall-oqsma koperti minn dan l-Artikolu stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2017/625.

### *Artikolu 3*

#### **Laboratorji uffiċjali fl-oqsma tas-saħħha tal-pjanti**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru laboratorji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 37(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-metodi kollha ta' analiżi, ittestjar jew dijanjożi tal-laboratorju li jużaw għall-kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra, bħala laboratorji uffiċjali fl-oqsma tas-saħħha tal-pjanti dment li:

- (a) dawk il-laboratorji jkollhom sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità fis-seħħ biex jiġi żgurat li jinkisbu riżultati affidabbli mill-użu ta' metodi ta' analiżi, ittestjar jew dijanjożi tal-laboratorju barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tagħhom;
- (b) il-metodi mhux akkreditati użati minn dawk il-laboratorji jkunu kkaratterizzati mill-kriterji rilevanti għall-qasam tas-saħħha tal-pjanti kif stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2017/625, u
- (c) il-laboratorju jkun digħi akkreditat għal mill-inqas wieħed mill-metodi elenkti fil-kategoriji msemmija fl-Anness għall-użu fuq pest mill-istess grupp ta' organiżmi bħall-pest li ġħaliha jintuża l-metodu mhux akkreditat.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 3 għandu japplika mid-29 ta' April 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNESS

**KATEGORIJI TA' METODI UŻATI GĦALL-ANALIŻI, IT-TESTIJIET U D-DIJANJOŻI FIL-QASAM TAS-SAĦĦA  
TAL-PJANTI**

1. Metodi ta' llixkar (baiting), iżolament u estrazzjoni, inkluż:
  - Metodi ta' pjastrament (plating)
  - Metodi għall-estrazzjoni ta' organiżmu fil-mira mill-matriċi
2. Metodi morfoloġiċi u morfometriċi
3. Metodi tal-valutazzjoni tal-patoġeniċità
4. Metodi bijokimiċi, inkluż:
  - Elettroforeżi tal-enzimi
  - Elettroforeżi ta' Ritorn b'Ġell tal-Poliakrilammid (Return-Polyacrylamide Gel Electrophoresis, R-PAGE)
5. Metodi bil-marki tas-swaba', inkluż:
  - Profilazzjoni tal-proteini
  - Profilazzjoni tal-aċċidi xaħmin
  - Profilazzjoni tad-DNA
  - Spettrometrija tal-massa tat-tip MALDI-TOF
6. Metodi molekulari, inkluż:
  - Reazzjoni Katina bil-Polimerażi Konvenzjonali (Conventional Polymerase Chain Reaction, PCR)
  - Reazzjoni Katina bil-Polimerażi f'Ħin Reali (Real-time Polymerase Chain Reaction, Real Time PCR)
  - Amplifikazzjoni iżoterمالi medjata b'loop (Loop-mediated isothermal amplification, LAMP)
  - Amplifikazzjoni bir-rikombinaži u bil-polimerażi (Recombinase polymerase amplification, RPA)
  - Sekwenzjar tal-ġenerazzjoni li jmiss (Next-generation sequencing, NGS)
  - Barcoding tad-DNA
7. Metodi seroloġiċi, inkluż:
  - Immunofluorexenza
  - Assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA)
  - Mikroskopija tal-elettroni immunosorbenti

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1354

### tas-6 ta' Awwissu 2021

**li jistabbilixxi informazzjoni teknika għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u l-fondi proprji bażiċi għar-rapportar bid-dati ta' referenza mit-30 ta' Ġunju 2021 sad-29 ta' Settembru 2021 f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzu tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzu tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (¹), u b'mod partikolari t-tielet subparagraphu tal-Artikolu 77e(2) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u tal-fondi proprji bażiċi mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, għall-finijiet tad-Direttiva 2009/138/KE, jenħtieġ li għal kull data ta' referenza tiġi stipulata l-informazzjoni teknika dwar l-istrutturi rilevanti tat-terminu tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju, il-firxiet fundamentali għall-kalkolu tal-aġġustament ta' korrispondenza u tal-aġġustamenti tal-volatilità.
- (2) Jenħtieġ li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw l-informazzjoni teknika, li hija bbażata fuq *data tas-suq* marbuta ma' tmiem l-aħħar xahar qabel l-ewwel data ta' referenza ta' rapportar li għaliha japplika dan ir-Regolament. Fil-5 ta' Lulju 2021, l-Awtorită Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ipprovdiet lill-Kummissjoni l-informazzjoni teknika marbuta mad-*data tas-suq* tal-aħħar ta' Ġunju 2021. Din l-informazzjoni għet-ippubblikata fil-5 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 77e(1) tad-Direttiva 2009/138/KE.
- (3) Minħabba l-ħtieġa li l-informazzjoni teknika tkun disponibbli minnufih, huwa importanti li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (4) Għal raġunijiet prudenziali huwa neċċessarju li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw l-istess informazzjoni teknika għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi u tal-fondi proprji bażiċi irrispettivament mid-data meta dawn jirrapportaw lill-awtoritatiet kompetenti tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-ewwel data ta' referenza tar-rapportar li għaliha japplika dan ir-Regolament.
- (5) Sabiex ikun hemm ċertezza tad-dritt kemm jista' jkun malajr, huwa debitament ġustifikat għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza marbuta mad-disponibbiltà tal-istrutturi rilevanti tat-terminu tar-rati tal-imgħax mingħajr riskju, li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 8, flimkien mal-Artikolu 4, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw l-informazzjoni teknika msemmija fil-paragrafu 2 meta jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi u l-fondi proprji bażiċi għar-rapportar bid-dati ta' referenza mit-30 ta' Ġunju 2021 sad-29 ta' Settembru 2021.

(¹) ĠUL 335, 17.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzu mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2. Għal kull munita rilevanti, l-informazzjoni teknika użata għall-kalkolu tal-aħjar stima f'konformità mal-Artikolu 77 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-aġġustament ta' korrispondenza f'konformità mal-Artikolu 77c ta' dik id-Direttiva, u l-aġġustament tal-volatilità f'konformità mal-Artikolu 77d ta' dik id-Direttiva għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) l-istrutturi rilevanti tat-terminu tar-rati mingħajr riskju stabiliti fl-Anness I;
- (b) il-firxiet fundamentali għall-kalkolu tal-aġġustament ta' korrispondenza stipulati fl-Anness II;
- (c) għal kull suq tal-assigurazzjoni nazzjonali rilevanti, l-aġġustamenti tal-volatilità stabiliti fl-Anness III.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-30 ta' Ġunju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS I

**Strutturi rilevanti tat-terminu tar-rati tal-imħax mingħajr riskju għall-kalkolu tal-aħjar stima, mingħajr l-ebda aġġustament ta' korrispondenza jew aġġustament tal-volatilità**

Terminu sal-maturità (fi-snin)	Euro	Krona Ċeka	Krona Daniża	Forint	Krona Žvediżza	Kuna
1	-0,605 %	1,015 %	-0,615 %	0,917 %	-0,120 %	-0,171 %
2	-0,555 %	1,489 %	-0,565 %	1,279 %	-0,027 %	-0,072 %
3	-0,495 %	1,720 %	-0,505 %	1,546 %	0,068 %	-0,007 %
4	-0,426 %	1,816 %	-0,436 %	1,772 %	0,178 %	0,050 %
5	-0,346 %	1,842 %	-0,356 %	1,967 %	0,284 %	0,120 %
6	-0,276 %	1,827 %	-0,286 %	2,136 %	0,352 %	0,214 %
7	-0,206 %	1,796 %	-0,216 %	2,285 %	0,408 %	0,337 %
8	-0,126 %	1,768 %	-0,136 %	2,413 %	0,472 %	0,488 %
9	-0,064 %	1,749 %	-0,074 %	2,527 %	0,557 %	0,666 %
10	0,003 %	1,744 %	-0,007 %	2,628 %	0,675 %	0,832 %
11	0,067 %	1,754 %	0,057 %	2,718 %	0,831 %	0,979 %
12	0,126 %	1,776 %	0,116 %	2,803 %	1,000 %	1,111 %
13	0,183 %	1,805 %	0,172 %	2,879 %	1,164 %	1,230 %
14	0,232 %	1,840 %	0,221 %	2,952 %	1,318 %	1,338 %
15	0,268 %	1,878 %	0,257 %	3,024 %	1,458 %	1,438 %
16	0,290 %	1,920 %	0,280 %	3,091 %	1,584 %	1,529 %
17	0,306 %	1,963 %	0,296 %	3,151 %	1,698 %	1,614 %
18	0,325 %	2,007 %	0,314 %	3,207 %	1,801 %	1,692 %
19	0,350 %	2,051 %	0,340 %	3,258 %	1,894 %	1,765 %
20	0,387 %	2,094 %	0,376 %	3,305 %	1,978 %	1,833 %
21	0,435 %	2,136 %	0,425 %	3,349 %	2,054 %	1,897 %
22	0,494 %	2,178 %	0,484 %	3,390 %	2,124 %	1,957 %
23	0,558 %	2,218 %	0,548 %	3,428 %	2,187 %	2,013 %
24	0,626 %	2,257 %	0,616 %	3,464 %	2,246 %	2,065 %
25	0,695 %	2,294 %	0,686 %	3,498 %	2,300 %	2,115 %
26	0,766 %	2,331 %	0,757 %	3,530 %	2,349 %	2,162 %
27	0,836 %	2,366 %	0,828 %	3,559 %	2,395 %	2,206 %
28	0,906 %	2,399 %	0,897 %	3,588 %	2,438 %	2,248 %
29	0,974 %	2,431 %	0,966 %	3,614 %	2,478 %	2,287 %
30	1,041 %	2,462 %	1,033 %	3,639 %	2,515 %	2,325 %
31	1,106 %	2,492 %	1,098 %	3,663 %	2,550 %	2,361 %
32	1,169 %	2,520 %	1,161 %	3,686 %	2,583 %	2,395 %
33	1,230 %	2,548 %	1,223 %	3,708 %	2,613 %	2,427 %
34	1,289 %	2,574 %	1,282 %	3,728 %	2,642 %	2,458 %

35	1,346 %	2,599 %	1,339 %	3,748 %	2,669 %	2,487 %
36	1,400 %	2,623 %	1,393 %	3,766 %	2,695 %	2,515 %
37	1,453 %	2,647 %	1,446 %	3,784 %	2,719 %	2,542 %
38	1,504 %	2,669 %	1,497 %	3,801 %	2,743 %	2,567 %
39	1,552 %	2,690 %	1,546 %	3,818 %	2,764 %	2,592 %
40	1,599 %	2,711 %	1,593 %	3,833 %	2,785 %	2,615 %
41	1,644 %	2,731 %	1,638 %	3,848 %	2,805 %	2,637 %
42	1,688 %	2,750 %	1,682 %	3,863 %	2,824 %	2,659 %
43	1,729 %	2,768 %	1,723 %	3,876 %	2,842 %	2,679 %
44	1,769 %	2,785 %	1,764 %	3,890 %	2,859 %	2,699 %
45	1,808 %	2,802 %	1,802 %	3,902 %	2,875 %	2,718 %
46	1,845 %	2,819 %	1,840 %	3,915 %	2,891 %	2,736 %
47	1,881 %	2,834 %	1,875 %	3,926 %	2,906 %	2,754 %
48	1,915 %	2,849 %	1,910 %	3,938 %	2,921 %	2,771 %
49	1,948 %	2,864 %	1,943 %	3,948 %	2,934 %	2,787 %
50	1,980 %	2,878 %	1,975 %	3,959 %	2,948 %	2,803 %
51	2,011 %	2,892 %	2,006 %	3,969 %	2,960 %	2,818 %
52	2,041 %	2,905 %	2,036 %	3,979 %	2,973 %	2,832 %
53	2,069 %	2,917 %	2,065 %	3,988 %	2,985 %	2,846 %
54	2,097 %	2,930 %	2,092 %	3,997 %	2,996 %	2,860 %
55	2,124 %	2,941 %	2,119 %	4,006 %	3,007 %	2,873 %
56	2,150 %	2,953 %	2,145 %	4,015 %	3,017 %	2,886 %
57	2,175 %	2,964 %	2,170 %	4,023 %	3,028 %	2,898 %
58	2,199 %	2,975 %	2,195 %	4,031 %	3,037 %	2,910 %
59	2,222 %	2,985 %	2,218 %	4,039 %	3,047 %	2,921 %
